**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 1007/2017 MS*

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs.**

**The Golden Shepherd Group Limited**

Illum, 16 ta' Jannar, 2025

Kawża Numru: 7

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-Bank attur fl-1 ta' Novembru 2017 li bih wara li ġie premess hekk:

> Illi in forza ta' kuntratt tat-18 ta' Marzu 1994 fl-atti tan-Nutar Dottor Remigio Zammit Pace, il-kumpannija konvenuta The Golden Shepherd Group Limited ingħatat faċilitajiet bankarji konsistenti f'self fl-ammont ta' żewġ

miljun liri Maltin (Lm2,000,000) ekwivalenti għal erba' miljuni, sitt mija u tmienja u ħamsin elf seba' mija, sitta u erbgħin ewro u tmenin ċenteżmu (€4,658,746.80) mingħand il-bank Investment Finance Bank Limited li eventwalment ġie amalgamat mal-Bank attur ġja Mid-Med Bank p.l.c.;

Illi in forza ta' kuntratt ieħor tas-7 ta' Diċembru 1995 ukoll fl-atti tal-istess Nutar Dottor Remigio Zammit Pace il-Bank attur ġja Mid-Med Bank p.l.c. ta faċilitajiet bankarji addizjonali lill-kumpannija konvenuta konsistenti f'self fl-ammont ta' ħames mitt elf lira Maltija (Lm500,000) ekwivalenti għal miljun, mija u erbgħa u sittin elf, sitt mija u sitta u tmenin ewro u sebgħin ċenteżmu (€1,164,686.70);

Illi in forza ta' kuntratt ieħor tal-5 ta' Settembru 1997 ukoll fl-atti tan-Nutar Dottor Remigio Zammit Pace il-Bank attur ġja Mid-Med Bank p.l.c ta faċilitajiet bankarji addizzjonali lill-kumpannija konvenuta konsistenti f'self fl-ammont ta' sitt mija u sittin elf lira Maltija (Lm660,000) ekwivalenti għal miljun, hames mija, sebgha u tlettin elf, tlett mija sitta u tmenin ewro u erbgha u erbghin cent (€1,537,386.44);

Illi in forza ta' kuntratt datat 30 ta' April 1999 ukoll fl-atti tan-Nutar Dottor Remigio Zammit Pace, (anness bħala Dok A) dawn il-faċilitajiet ta' self flimkien mal-imgħax akkumulat sa dak iż-żmien ġew ristrutturati f'faċilita' waħda ta' self għall-ammont ta' tlett miljuni, sitt mija u tmienja u ħamsin elf, sitt mija u sittin lira Maltija (Lm3,658,660) ekwivalenti għal tmin miljuni, ħames mija u tnejn u għoxrin elf, tlett mija u ħamsa u tmenin ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€8,522,385.28) sabiex jiġu finanzjati mill-ġdid il-krediti fuq imsemmija tal-Bank, u dan taħt il-pattijiet u kundizzjonijiet miftehma fis-*sanction letter* datata 1 ta' April, 1999 għar-rigward tas-self hemm indikat bħala Loan 2 (annessa bħala Dok B) kif riveduti permezz ta' *sanction letter* oħra datata 1 ta' Marzu 2004 (Dok C) u permezz ta' *sanction letter* oħra datata 1 ta' Ottubru 2007 (Dok D);

Illi fuq dan il-kont il-ġdid, u ċioe' il-'Loan Account' numru 043-002492-301 (ġja numerat 438003231) għadu dovut sallum l-ammont ta' tnax-il miljun, mija u disgħa u ħamsin elf, ħames mija u wieħed u erbgħin ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€12,159,541.39), dovut in kwantu għal seba' miljuni, elf, u erbgħa u erbgħin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€7,001,044.55) bħala kapital u in kwantu għar-rimanenti ħames miljuni, mija u tmienja u ħamsin elf, erba' mija u sitta u disgħin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu

(€5,158,496.84) bħala imgħax ikkalkulat sad-9 ta' Ottubru 2017, kif jirriżulta mill-i*statement* (anness bħala Dok. E);

Illi għaldaqstant, il-kumpanija konvenuta The Golden Shepherd Group Limited hija debitriċi tal-Bank attur fis-somma fuq imsemmija ta' tnax-il miljun, mija u disgħa u ħamsin elf, ħames mija u wieħed u erbgħin ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€12,159,541.39), dovuta kif fuq spjegat, kif ukoll għall-ħlas tal-imgħax mill-10 ta' Ottubru 2017 sad-data tal-pagament effettiv, u dan b'riżerva u bla pregudizzju għal ammonti oħra dovuti fuq kontijiet separati;

Illi għalkemm il-kumpanija konvenuta ġiet interpellata diversi drabi biex tħallas, hija baqgħet inadempjenti;

Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mill-liġi biex din il-kawza tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) stante li dan il-kreditu huwa ċert, likwidu u li għalaq u fil-fehma tal-Bank attur, il-kumpanija konvenuta m'għandiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talba għall-hlas tal-imsemmi ammont;

l-istess Bank attur kompla billi talab lil din il-Qorti jogħġobha:

(i) Tgħaddi biex tiddeċiedi fuq it-talbiet tal-Bank attur bid-dispensa tas-smiegħ kif hemm maħsub fl-artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta)

(ii) Tiddikjara li l-kumpanija konvenuta The Golden Shepherd Group Limited hija debitriċi tal-Bank attur fis-somma ta' tnax-il miljun, mija u disgħa u ħamsin elf, ħames mija u wieħed u erbgħin ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€12,159,541.39), dovut in kwantu għal seba' miljuni, elf, u erbgħa u erbgħin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€7,001,044.55) bħala kapital u in kwantu għar-rimanenti ħames miljuni, mija u tmienja u ħamsin elf, erba' mija u sitta u disgħin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€5,158,496.84) bħala imgħax ikkalkulat sad-9 ta' Ottubru 2017kif ukoll l-imgħax ulterjuri mill--10 ta' Ottubru 2017 sad-data tal-pagament effettiv;

(iii) Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta The Golden Shepherd Group Limited sabiex tħallas lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' tnax-il miljun, mija u disgħa u

ħamsin elf, ħames mija u wieħed u erbgħin ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€12,159,541.39), dovut in kwantu għal seba' miljuni, elf, u erbgħa u erbgħin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€7,001,044.55) bħala kapital u in kwantu għar-rimanenti ħames miljuni, mija u tmienja u ħamsin elf, erba' mija u sitta u disgħin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€5,158,496.84) bħala imgħax ikkalkulat sad-9 ta' Ottubru 2017, kif ukoll l-imgħax ulterjuri mill-10 ta' Ottubru 2017 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez, u bl-imgħax legali kif fuq mitluba, kontra l-kumpanija konvenuta li r-rappreżenti tagħha huma minn issa ngunti għas-subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuta fid-29 ta' Jannar 2018[1], li permezz tagħha wieġbet hekk:

Dwar il-fatti:

1.Illi s-socjeta' esponenti ma tichadx illi hija hadet finanzjamenti bankarji minghand il-Bank attur u illi gie pubblikat il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Remigio Zammit Pace tat-30 ta' April 1999.

2. Illi pero' s-sanction letters tal-1 ta' Marzu 2024 u tal-1 ta' Ottubru 2007 esebiti mill-Bank intimat bhala Dok C u Dok D rispettivament m'ghandhomx fuqho il-firma ta' rapprezentant tas-socjeta' esponenti.

3. Illi inoltre l-istatementipprezentat mill-Bank attur m'huwiex komplut fis-sens illi ma jindikax ezattament kif ihadem l-imghax indikat fl-istatement anness bhala Dok E.

4.Illi fi kwalsijasi kaz l-ammont mitlub mill-Bank attur huwa eccessiv u/jew m'huwiex korrett, kif sejjer jigi ppruvat aktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza, inkluz billi l-imghax mhux mahdum skond il-ligi u skond il-pattijiet li kienu jirregolaw il-facilita' bankarja in kwistjoni.

5. Illi inoltre jidher li fost l-ammont mitlub mill-Bank attur hemm imghax fuq imghax.

6.Illi jidher ukoll li l-Bank attur qed jitlob li mid-data tal-prezentata tal-kawza jibda ghaddej imghax bir-rata ta' 8% fis-sena fuq is-somma mitluba ta' €12,159,541.39 (li fi

[1] Fol.100.

kwalsijasi kaz hija kkontestata) li minnha nfisha diga' tikkomprendi ammont sostanzjali ta' imghax u ghalhekk qed jigu mitluba imghaxijiet illegali u l-imghax ghandu jghaddi biss fuq dik is-somma li tirizulta dovuta kwantu bilanc ta' self.

7. Illi inoltre l-esponenti kienet f'negozjati mal-Bank intimat biex tittransigi l-pendenza naxxenti mill-facilita' bankarja mertu tal-kawza u habta u sabta giet rinfaccjata b'din il-kawza minghajr preavviz u ghalhekk is-socjeta' esponenti tipprotesta ruhha ghall-ispejjez.

Ghaldaqstant,in vista tas-suespost, l-eccipjenti ghandha s-segwenti eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talbiet attrici:

1.Illi qabel xejn il-Bank attur irrid igib prova tal-validita' tal-ittri sanzjonarji kollha li fuqhom huwa jippretendi li qed jibbaza t-talba tieghu.

2.Illi fi kwalsijasi kaz l-ammont mitlub mill-Bank attur huwa eccessiv u/jew m'huwiex korrett, kif sejjer jigi ppruvat aktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza, inkluz billi l-imghax mhux mahdum skond il-ligi u skond il-pattijiet li kienu jirregolaw il-facilita' bankjarja in kwistjoni.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-somma mitluba tinkludi imghax fuq imghax jew imghax mod iehor kontra l-ligi u ghalhekk m'hijiex korretta u t-talba tal-Bank attur ma tistax tintlaqa' fl-ammont mitlub.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu l-Bank attur jidher li qed jitlob li mid-data tal-prezentata tal-kawza jibda ghaddej imghax bir-rata ta' 8% fis-sena fuq is-somma mitluba ta' €12,159,541.39 ( li fi kwalsijasi kaz hija kkontestata), dan iffiser illi Bank qieghed jitlob il-hlas ta' imghax fuq imghax ,haga li ma jistax jitlob (la ghall-perijodu ta' qabel u lanqas ghal dak ta' wara l-eventwali sentenza) stante li l-imghax ghandu jghaddi biss fuq dik is-somma li tirrizulta dovuta kwantu bilanc ta' self.

5.Illi s-socjeta' esponenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-procedura stante illi din il-kawza giet intavolata minghajr preavviz meta kien hemm negozjati ghaddejjin bejn il-partijiet biex jigu transatti d-divergenzi ta' bejniethom.

6. Illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

7.Illi kull wahda minn dawn l-eccezzjonjiet qed tinghata indipendentement u separatament mill-ohrajn u minghajr pregudizzju ghall-ohrajn.

8.Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

3. Rat illi l-kawża ġiet imħollija *sine die* fl-udjenza tal-31 ta' Jannar 2019, pendenti l-eżitu ta' proċeduri ta' stralċ li l-Bank attur ressaq kontra l-istess konvenuta;

4. Rat illi b'dikriet tal-20 ta' Diċembru 2023, il-kawża ġiet riappuntata fuq talba tal-Bank attur;

5. Rat id-deċiżjoni mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) fit-30 t'Ottubru 2023 fl-ismijiet "HSBC Bank Malta p.l.c. vs. The Golden Shepherd Group Limited u b'digriet mogħti fit-13 ta' Jannar 2020 l-Awditur Emanuel Steven Fenech u l-Perit Emanuel sive Mannie Galea bħala amministraturi konġunti ta' l-eredità ta' Helen u Maria Carmela aħwa Grech ġew awtorizzati jintervjenu fil-kawża *in statu et terminis*";

6. Rat id-dikriet mogħti mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) fl-24 t'April 2024 li permezz tiegħu ingħatat l-awtorizzazzjoni għat-tkomplija ta' dawn il-proċeduri fit-termini tal-artikolu 224 tal-Att dwar il-Kumpaniji;

7. Rat ix-xiehda u d-dokumenti prodotti, flimkien mal-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

8. Rat li l-kawża ġiet differita għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

9. Illi din hija kawża għall-kanonizzazzjoni ta' kreditu flimkien mal-kapitalizzazzjoni tal-imgħax dekors fuq l-istess kreditu, u għall-ordni dwar id-dekorriment ta' imgħaxijiet ulterjuri fuq il-kapital il-ġdid. Il-konvenuta, min-naħa tagħha, tikkontesta t-talbiet tal-Bank attur b'għadd ta' eċċezzjonijiet, li fil-qosor (i) jimpunjaw il-validità ta' ittri sanzjonarji li nħarġu mill-Bank attur minn żmien għal żmien fil-konfront tal-faċilitajiet

bankarji li l-konvenuta kellha magħha; (ii) jikkontestaw l-imgħax maħdum mill-Bank attur u t-talbiet tiegħu għall-ħlas ta' imgħax fuq imgħax.

10. Il-fatti rilevanti tal-każ jistgħu jiġu riassunti kif ġej.

11. B'kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace fit-18 ta' Marzu 1994[2], il-konvenuta ingħatat faċilitajiet bankarji konsistenti minn self fl-ammont ta' żewġ miljun lira Maltin (Lm2,000,000) mingħand il-bank Investment Finance Bank Limited, liema bank eventwalment ġie amalgamat mal-Bank attur. B'kuntratt ieħor magħmul fl-atti tal-istess Nutar fis-7 ta' Diċembru 1995[3] il-Bank attur (f'dak iż-żmien imsemmi Mid-Med Bank plc) ta lill-konvenuta self ieħor fl-ammont ta' ħames mitt elf lira Maltin (Lm500,000). Fil-5 ta' Settembru 1997[4], il-konvenuta ingħatat self ieħor mill-Bank attur fl-ammont ta' sitt mija u sittin elf lira Maltin (Lm660,000)[5].

12. Dawn id-diversi mutwi ġew eventwalment konvertiti f'self wieħed permezz ta' kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace fit-30 t'April 1999[6], liema self uniku kien ammontanti għal tliet miljuni, sitt mija tmienja u ħamsin elf sitt mija u sittin lira Maltin (Lm3,658,660). F'dan il-kuntratt ingħad li dan is-self "ġdid" kellu jkun soġġett għall-kondizzjonijiet riżultanti mill-ittra sanzjonarja tal-1 t'April 1999[7].

13. Jirriżulta li l-konvenuta ma żammitx mal-pagamenti li kellha tagħmel, billi sa mill-bidu nett tas-self il-"ġdid", kienet tardiva fil-ħlasijiet li kellha tagħmel, u wara ftit taż-żmien waqfet tħallas għal kollox[8]. Minħabba f'hekk, il-Bank attur kien ħareġ ittra sanzjonarja oħra fl-1 ta' Marzu 2004[9] li permezz tagħha kellhom jiġu regolati faċilità ta' *overdraft* li l-konvenuta kellha mal-Bank attur (u li m'hijiex meritu ta' din il-kawża), kif ukoll is-self kostitwit permezz tal-kuntratt tat-30 t'April 1999. Dan is-self fil-fatt kellu jibda jitħallas mensilment minflok bi ħlas annwali. Il-Bank attur ta lill-konvenuta wkoll aktar

---

[2] Fol.127.
[3] Fol.136.
[4] Fol.143.
[5] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Dr Claudia Muscat, a fol.39.
[6] Fol.7.
[7] Fol.12.
[8] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Sharon Camilleri, a fol.112.
[9] Fol.77 (Vol.II).

żmien sabiex tħallas is-self dovut minnha. B'danakollu, l-konvenuta xorta ma żammitx mal-ħlasijiet li kellha tagħmel[10].

14. Il-Bank attur reġgħa ħareġ ittra sanzjonarja oħra datata l-1 t'Ottubru 2007[11], fejn il-konvenuta ingħatat mill-ġdid, għall-perijodu ta' sentejn, l-opportunità li tħallas biss l-imgħaxijiet mingħajr il-kapital. Il-konvenuta kellha terġa tibda tħallas il-kapital flimkien mal-imgħaxijiet mill-1 ta' Jannar 2009. Il-Bank attur sostna li għalkemm f'dan iż-żmien kellu l-jedd li jikkapitalizza l-imgħax, dan ma sarx u l-konvenuta ġiet aġevolata[12].

15. Il-konvenuta reġgħet m'onoratx il-ħlasijiet li kellha tagħmel, u għalhekk il-Bank attur ressaq ittra uffiċċjali fl-1 ta' Ġunju 2011 li ġiet notifikata fid-19 ta' Ġunju 2012[13]. Il-Bank attur jgħid li minn dakinhar tan-notifika, l-imgħax dovut mill-konvenuta kien dak legali, u ċjoè bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena[14].

16. Il-Bank attur għalhekk jgħid li għandu jieħu mingħand il-konvenuta s-somma kumplessiva ta' tnax-il miljun mija u disgħa u ħamsin elf ħames mija u wieħed u erbgħin Ewro u disgħa u tletin ċenteżmi (€12,159,541.39), liema somma tikkonsisti minn seba' miljuni elf u erbgħa u erbgħin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€7,001,044.55) bħala kapital, u minn ħames miljuni mija tmienja u ħamsin elf erba' mija sitta u disgħin Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€5,158,496.84) bħala imgħax akkumulat sad-9 t'Ottubru 2017. Il-Bank attur qed jitlob ukoll l-imgħax ulterjuri dekors mill-10 t'Ottubru 2017 sal-jum tal-ħlas effettiv.

17. B'deċiżjoni mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) fit-30 t'Ottubru 2023 fl-ismijiet "HSBC Bank Malta p.l.c. vs. The Golden Shepherd Group Limited u b'digriet mogħti fit-13 ta' Jannar 2020 l-Awditur Emanuel Steven Fenech u l-Perit Emanuel sive Mannie Galea bħala amministraturi konġunti ta' l-eredità ta' Helen u Maria Carmela aħwa Grech ġew awtorizzati jintervjenu fil-kawża *in statu et terminis*", ġie ordnat l-istralċ tal-konvenuta peress li nstab li kien hemm raġunijiet gravi

---

[10] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Sharon Camilleri, a fol.113.
[11] Fol.95 (Vol.II).
[12] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Sharon Camilleri, a fol.113.
[13] Fol.116-121.
[14] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Sharon Camilleri, a fol.113.

biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment tagħha kif maħsub fl-artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Att dwar il-Kumpaniji, u fost provvedimenti oħra, inħatar bħala stralċarju tal-konvenuta r-Riċevitur Uffiċjali.

18. Jirriżulta wkoll li r-Riċevitur Uffiċċjali, fil-vesti tagħha ta' stralċarju tal-konvenuta, ammettiet lill-Bank attur bħala kreditur tal-istess konvenuta[15].

Ikkunsidrat:

19. Illi jmiss issa li jiġu kkunsidrati l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuta.

20. Bl-ewwel eċċezzjoni, l-konvenuta tikkontesta l-validità tal-ittri sanzjonarji maħruġa mill-Bank attur fil-konfront tagħha. Issostni li l-kopji eżebiti mar-rikors ġuramentat m'humiex iffirmati mir-rappreżentant tagħha.

21. Din l-eċċezzjoni hija fiergħa. Il-konvenuta taf li dawn l-ittri ġew iffirmati mir-rappreżentant tagħha, u jirriżulta li l-aċċettazzjoni tal-kontenut ta' dawn l-ittri kienet ir-raġuni għaliex il-Bank attur ta aktar żmien lill-konvenuta sabiex tirregola l-qagħda tagħha dwar dak dovut minnha. F'kull każ matul il-mori tal-kawża l-Bank attur eżebixxa kopji ffirmati ta' dawn l-ittri sanzjonarji, u għalhekk din l-ewwel eċċezzjoni hija għal kollox infondata.

22. Il-konvenuta mbagħad tikkontesta l-mod kif il-Bank attur ikkalkola l-imgħaxijiet dovuti minnu. B'mod prinċipali, l-konvenuta tgħid li l-Bank attur qed jeżiġi imgħaxijiet fuq imgħaxijiet u li dan mhux permess mil-liġi.

23. L-artikolu 1850 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

> 1850. (1) Hu leċitu l-ftehim għall-imgħaxijiet fuq self, sew ta' flus kemm ta' merkanzija jew ħwejjeġ oħra mobbli.
>
> (2) Jistgħu wkoll jitbiddlu f'kapital ġdid, b'imgħax, l-imgħaxijiet magħluqa, basta li dawn l-imgħaxijiet ma jkollhomx jingħataw għal żmien ta' anqas minn sena.

[15] Fol.110-114 (Vol.II).

> (3) Kull ftehim ieħor ta' mgħaxijiet fuq imgħaxijiet, ma jiswiex.

24. Dak imniżżel fit-tieni subartikolu tal-artikolu 1850 huwa wkoll rifless fl-artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi kif ġej:

> 1142. L-imgħaxijiet magħluqa jistgħu jagħtu mgħaxijiet oħra, sew bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan, minn dak in-nhar tat-talba ġudizzjarja għaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jagħlqu, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, l-imgħaxijiet ikollhom jingħataw għal żmien ta' mhux anqas minn sena.

25. Il-liġi għalhekk ma tivvjetax li l-imgħax iħalli imgħax ieħor. Biss biex dan ikun jista' jseħħ, huwa neċessarju li (i) l-imgħax fruttiferu jkun dovut għal perjodu li ma jkunx inqas minn sena, u (ii) l-kapitalizzazzjoni tkun imwettqa permezz ta' ftehim bejn il-kreditur u d-debitur jew inkella b'talba ġudizzjarja.

26. Jingħad li l-imgħax irid ikun dovut għal perjodu li ma jkunx inqas minn sena fis-sens li l-imgħax li jista' jiġi kapitalizzat irid ikun ilu dovut mid-debitur għal żmien mhux anqas minn sena. Iż-żmien ta' sena għalhekk jirreferi għall-perijodu li jiġi wara l-iskadenza tal-imgħax, u mhux għall-perijodu li għalih ikun dovut dak l-imgħax (ara ***Angelo Galea vs. Emmanuele Busuttil Naudi pro et noe***, Prim'Awla, 31 t'Ottubru 1935)[16]. Fi kliem ieħor, id-debitur għandu jkollu opportunità ta' mhux inqas minn sena biex iħallas dawk l-imgħaxijiet, u huwa biss jekk jonqos milli jħallashom li l-kreditur jista' jippretendi l-kapitalizzazzjoni tagħhom.

27. L-imgħax dovut, biex ikun jista' jiġi kapitalizzat, irid ikun ukoll ċert, likwidu u eżiġibbli (ara ***Emmanuele Borg pro et noe vs. Neg. Joseph Grixti et***, Kummerċ, 12 ta' Lulju 1949)[17]. Imbagħad meta sseħħ dik il-kapitalizzazzjoni, il-kapital il-ġdid jitqies l-effett ta' novazzjoni: «*…la capitalizzazione adduce novazione, estinguendo il credito dei lucri per lo altrettanto capitalizzato, e sostituendo per lo stesso ammonto un nuovo credito, non più accessorio al primo capitale, ma divenuto capo, e principale anche*

[16] Kollezz. Vol.XXIX.ii.726.
[17] Kollezz. Vol.XXXIII.iii.526.

*esso come il primo»* (***Vincenzo Bugeja C.M.G. vs. Giuseppe e Michelina conjugi Mirabita ed altri***, Prim'Awla, 29 t'April 1887)[18].

28. Il-ġurisprudenza rriteniet li sabiex ikun jissussisti ftehim produċenti l-kapitalizzazzjoni tal-imgħaxijiet, mhux biżżejjed is-silenzju tad-debitur imma huwa neċessarju jintwera li d-debitur kien qed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dik il-kapitalizzazzjoni ssir. Fid-deċiżjoni ***Zammit vs. Negte Pace Balzan*** (Prim'Awla, 22 ta' Diċembru 1896)[19] fil-fatt intqal hekk:

> Atteso che pertanto è da ritenere che ove la legge permette la costituzione degli interessi dovuti in nuovo capitale fruttifero, essa per costituzione non intende già la rimessione di un conto, ovvero la approvazione di un conto di compensazione, cui il debitore non avesse fatto opposizione; ma, al contrario, vuole che tale costituzione segua o in via contrattuale, o in via giudiziaria: non è più vero difatti, come si riteneva altre volte da alcuni, che in "contumaces omnia jura conspirant"; è vero bensi che chi tace, se non nega, non parla però, e che per ammettere obbligazioni, o rinunciare a diritti non basta il silenzio, ma ci vogliono parole importanti chiaramente l'ammissione, o la rinuncia, secondo il caso

29. Ftehim li ma jistax isir preventivament għad-dekors tal-imgħax, iżda għandu jsegwi dak l-imgħax (ara f'dan is-sens ***Filippo Gatt ed altri vs. Carmelo e Giuseppa coniugi Farrugia***, Appell Superjuri, 18 t'Ottubru 1918)[20].

30. Fid-deċiżjoni ***Vincenzo Bugeja vs. Michelina Mirabita*** (Prim'Awla, 15 t'April 1875)[21] ġie deċiż li t-talba ġudizzjarja, biex ikollha l-effetti maħsuba fl-artikolu 1142, trid issir permezz ta' att li jipprovoka ġudizzju, u għalhekk att interpellatorju, bħal ma huma ittra uffiċċjali jew protest ġudizzjarju, m'humiex suffiċjenti għal dak l-iskop. Deċiżjoni li kienet segwita konsistentement fil-ġurisprudenza tagħna (ara, per eżempju, ***Concetta già vedova di Gio Maria Camilleri, in oggi moglie di Giuseppe Vella, dallo stesso legalmente separata vs. Maria Grazia Caruana et***, Prim'Awla, 7 ta' Novembru 1911[22];

[18] Kollezz. Vol.XI.310.
[19] Kollezz. Vol.XV.634.
[20] Kollezz. Vol.XXIII.i.638.
[21] Kollezz. Vol.VII.386.
[22] Kollezz. Vol.XXI.ii.357.

***Francis Xavier Aquilina vs. Carlo Leone Ganado et***, Prim'Awla, 15 ta' Frar 1984[23]; ***Anca Holdings Limited vs. Edgar Brincat et***, Prim'Awla, 9 t'Ottubru 2017, fost bosta oħrajn).

31. Huwa opportun ukoll li jiżdied jingħad li l-ġurisprudenza wkoll dejjem irriteniet li l-imgħax kapitalizzat ma jitqiesx aktar fl-applikazzjoni tar-regola ta' *ultra duplum*, li tivvjeta li l-imgħax jeċċedi l-kapital (ara, per eżempju, ***Vincenzo Bugeja C.M.G. vs. Giuseppe e Michelina conjugi Mirabita ed altri***, Prim'Awla, 29 t'April 1887[24]; ***Edwin Vassallo noe vs. Salvatore Ballucci***, Prim'Awla, 30 t'April 1947[25]). Regola li però wkoll m'hijiex assoluta u ġġarrab eċċezzjonijiet. Fil-fatt insibu, fid-deċiżjonijiet ***Bank of Valletta plc vs. Francis Bezzina Wettinger pro et noe*** (Appell Superjuri, 26 ta' Marzu 2010) u ***Paul Gauci et vs. Joseph Mugliette*** (Prim'Awla, 16 ta' Novembru 2007) li r-regola ta' *ultra duplum* ma tapplikax għall-krediti li jkunu ġew kanonizzati b'sentenza. Fid-deċiżjonijiet ***Baldassare Randon et vs. Regina Apap et*** (Prim'Awla, 26 ta' Ġunju 1871)[26] u ***Cecil Pace et vs. Emanuel A. Bonello noe et*** (Prim'Awla, 18 ta' Frar 2010), ġie deċiż li fejn id-debitur ikun ikkontesta l-pretensjoni tal-kreditur, din ir-regola ma tapplikax, billi ma hemmx lok li d-debitur jibbenefika min-nuqqas tiegħu li jadempixxi obbligazzjoni, u li jinqeda bi proċeduri li jkunu ttieħdu fil-konfront tiegħu f'Qorti għal dan il-għan.

32. Applikati l-prinċipji fuq esposti għall-każ odjern, huma opportuni s-segwenti konsiderazzjonijiet.

33. Għandu jkun paċifiku li l-kapitalizzazzjoni magħmula permezz tal-kuntratt tat-30 t'April 1999 saret bi ftehim bejn il-mutwant u l-mutwatarju, u posterjorment għas-self u għad-dekors tal-imgħaxijiet. Il-konvenuta ma ressqet ebda prova biex turi li l-imgħax kapitalizzat b'dak il-kuntratt kien ilu dovut għal inqas minn sena. Prova li kienet tispetta lill-konvenuta la darba l-Bank attur għandu l-preżunzjoni tal-validità tal-kuntratt in kwistjoni favur tiegħu.

---

[23] Kollezz. Vol.LXVIII.iii.15.
[24] Kollezz. Vol.XI.310.
[25] Kollezz. Vol.XXXIII.ii.64.
[26] Kollezz. Vol.V.568.

34. Wara dan il-kuntratt, jirriżulta mir-rendikont eżebit[27] li l-Bank attur ikkalkola l-imgħaxijiet b'mod sempliċi fuq il-kapital ġdid. Fil-fatt mill-istess rendikont jidher ċar li s-somma kapitali baqgħet ma żdiditx, avolja l-interessi baqgħu jakkumulaw. Dan ifisser li l-interessi applikati kienu sempliċi u mhux komposti. Ċertament li l-konvenuta ma ressqet ebda prova biex tirribatti dan.

35. Issa l-Bank attur qed jitlob, permezz ta' din il-kawża, il-kapitalizzazzjoni tal-imgħaxijiet li laħqu ddekorrew sa ftit ġimgħat qabel tressqet l-istess kawża. Għalkemm huwa minnu li fil-mument li ġiet istitwita din il-kawża, parti mill-imgħax li l-Bank attur talab il-kapitalizzazzjoni tiegħu ma kienx ilu sena dovut (fil-fatt il-Bank attur talab il-kapitalizzazzjoni tal-imgħax dekors sad-9 t'Ottubru 2017 meta l-kawża nfetħet fl-1 ta' Novembru 2017), sallum dak il-perijodu ta' sena għadda u kif, u għalhekk jgħodd il-prinċipju ta' *ius superveniens*. Hekk ukoll kienet irraġunat din il-Qorti fid-deċiżjoni ***Angelo Galea vs. Emmanuele Busuttil Naudi pro et noe*** (ġjà ċitata).

36. Il-kapitalizzazzjoni mitluba mill-Bank attur għalhekk isseħħ b'effett minn dakinhar li ġiet istitwita t-talba ġudizzjarja tiegħu permezz tal-kawża odjerna, u huwa wkoll minn dakinhar li l-kapital il-ġdid beda jipproduċi imgħaxijiet ġodda (ara f'dan is-sens ***Albert Zammit noe vs. Francis Xavier Aquilina***, Kummerċ, 3 ta' Mejju 1971[28]; u ***Tommaso Bugeja et vs. Marietta Tonna***, Prim'Awla, 2 t'Ottubru 1944[29]).

37. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda għalhekk taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta;

(ii) tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba billi din ġiet sorvolata;

(iii) tilqa' t-tieni talba tal-Bank attur u għalhekk tiddikjara lill-konvenuta debitriċi tal-Bank attur fis-somma kumplessiva ta' tnax-il miljun mija u disgħa u ħamsin elf ħames mija u wieħed u erbgħin Ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€12,159,541.39), dovut in kwantu għal seba' miljuni elf u erbgħa u erbgħin

[27] Fol.105-108 (Vol.II).
[28] Mhux pubblikata.
[29] Kollezz. Vol.XXXII.ii.82.

Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€7,001,044.55) bħala kapital, u in kwantu għar-rimanenti ħames miljuni mija u tmienja u ħamsin elf erba' mija sitta u disgħin Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€5,158,496.84) bħala imgħax ikkalkolat sad-9 t'Ottubru 2017;

(iv) tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-Bank attur is-somma kumplessiva ta' tnax-il miljun mija u disgħa u ħamsin elf ħames mija u wieħed u erbgħin Ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€12,159,541.39), bl-imgħax legali dekors b'effett mill-1 ta' Novembru 2017 sal-jum tal-ħlas effettiv;

(v) tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur